# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 5**

**Rikors numru 371/2022/1 GM**

**Joseph Lebrun**
**v.**
**L-Avukat Ġenerali u**
**l-Avukat tal-Istat**

1. L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali appellaw minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Lulju 2023 li sabet li r-rikorrent sofra ksur tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif imħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ["il-Konvenzjoni"] minħabba n-nuqqas ta' garanziji proċedurali adegwati sabiex huwa jikkontesta l-ordni ta' ffriżar

fil-konfront tiegħu fis-6 ta' Settembru 2005 fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet *Repubblika ta' Malta vs Joseph Lebrun* u bħala rimedju, filwaqt li annullat u rrevokat dik l-ordni ta' ffriżar, ikkundannat lill-intimati jħallsuh danni fis-somma ta' €15,000.

**Preliminari**

2. Il-proċeduri fil-prim' istanza żvolġew kif ġej:

2.1. Permezz ta' rikors ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2022 ir-rikorrent ippremetta u talab is-segwenti:

> *"Illi l-esponent kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Istruttorja nhar is-6 ta' Settembru, 2005 fejn kien ġie akkużat talli:*
>
> *a) assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jitraffika l-eroina f'Malta;*
>
> *b) importa jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi importata l-eroina f'Malta;*
>
> *c) forma jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina lil persuni f'Malta; u*
>
> *d) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina.*
>
> *Illi dakinhar stess tal-preżentata, fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, ordnat l-iffriżar tal-assi tal-esponenti ai termini tal-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *Illi fis-sena 2009, il-pożizzjoni legali kienet li l-imputat ma seta' qatt jopponi għat-talba magħmula mill-prosekuzzjoni għal ħruġ ta' Ordni ta' Iffriżar, u l-Qorti ma kellhiex lanqas is-setgħa legali li tiċħad tali talba lilha magħmulha.*

*Illi kien biss, ħames snin wara li beda dan il-każ, li permezz tal-Artikolu 31 tal-Att IV tas-sena 2014, ġew introdotti s-sub-inċiżi (7), (8) u (9) fl-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi b'hekk li issa mhux biss ingħata l-vires lil Qrati li jistgħu jiċħdu talba tal-ħruġ ta' Ordni ta' Iffriżar, iżda ngħata l-opportunita' lill-imputat li jopponi talba għal ħruġ ta' tali Ordni.*

*Ili b'dana pero', li, l-imsemmi Att IV tas-sena 2014, ma offriex l-opportunita' lil persuni bħar-rikorrenti odjern, sabiex f'perjodu perentorju stabbilit mill-istess Att, huwa jkun jista' jagħmel talba skont is-sub-inċiż (9) tal-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif emendat fl-istess Att.*

*Illi, sal-lum il-ġurnata, proprju sbatax-il sena wara li dawn il-proċeduri nbdew, il-proċeduri odjerni għadhom pendenti u għadu pendenti wkoll l-ordni ta' Iffriżar hawn fuq imsemmi.*

*Illi, d-dewmien f'dawn il-proċeduri kriminali kienu diga` l-mertu ta' kawża Kostituzzjonali preċedenti u permezz ta' sentenza datata 26 ta' Mejju 2014 mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali Rik. Nru. 41/13 fl-ismijiet Joseph Lebrun v. Avukat Ġenerali, ġie deċiż illi ġie les id-dritt ta' smigħ xieraq u l-eponent kien ingħata kumpenss fl-ammont ta' EUR 6,000 u EUR 10 kuljum b'effett mid-data tas-sentenza sal-ġurnata li fiha, l-Avukat Ġenerali jippreżenta l-Att tal-akkuża relattiva.*

*Illi, l-Ordni ta' Iffriżar ipparalizza kompletament l-operat kollu tar-rikorrenti personalment bil-konsegwenza illi l-esponenti qiegħed jiġi mxekkel milli saħansitra jibni relazzjoni bankarja.*

*Illi, l-Ordni tal-Iffriżar, li huwa indubbjament wieħed drakonjan fl-estremità, affettwa negattivament lir-rikorrenti u dan peress illi:*

*i) L-kontijiet bankarji tar-rikorrenti huma kollha ffriżati;*

*ii) Ir-rikorrenti qiegħed jiġi mċaħħad minn relazzjoni bankarja bażika;*

*iii) B'riżultat ta' din l-Ordni tal-Iffriżar, ir-rikorrenti qiegħed jaffaċja problemi serji sabiex jikseb impjieg u/jew jinnegozja u għal daqstant mhux qiegħed ikollu dħul; u*

*iv) B'riżultat tal-Ordni de quo r-rikorrenti sab ruħu fl-impossibilità li jonora l-obbligi finanzjarji tiegħu.*

*Għalhekk, ir-rikorrenti jsostni illi qiegħed jiġi prekluż milli jgawdi l-proprjetà tiegħu.*

*Illi, l-Ordni ta' Iffriżar su riferita hija miżura altru milli sproporzjonata u dan jingħad in vista tal-fatt illi ma kinitx limitata għall-ammont li allegatament ir-rikorrenti avvantaġġa ruħu minnu bl-allegata kommissjoni tar-reat*

*imputat lilu, iżda fuq kollox, kellu kemm kellu u għandu kemm għandu assi r-rikorrenti.*

*Illi, l-esponenti jikkontendi illi l-Ordni ta' Iffriżar kif applikabbli fil-każ odjern qiegħed joħloq leżjoni tad-dritt fondamentali tiegħu milli jkollu protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà bla kumpens u dan kif protett bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*..........*

*Illi, ir-rikorrenti għaldaqstant isostni illi qiegħed isofri minn leżjoni ta' diversi drittijiet fundamentali tiegħu, u ċioe':*

*i) Leżjoni tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap.319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*ii) Leżjoni tad-dritt tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, 1-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap.319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi l-ordni insindikabbli ta' iffriżar qed tinfliġġi fuqu piena konsegwenzjali mill-eħrex mingħajr ma huwa ħati li kkommetta reat.*

*Illi, għaldaqstant qiegħda ssir din il-kawża.*

*Illi, ir-rikorrenti jaf personalment b' dawn il-fatti kollha hawn fuq dikjarati.*

*Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatti hawn esposti, ir-rikorrenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara illi r-rikorrenti sofra leżjoni tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikjara illi r-rikorrenti sofra wkoll leżjoni tad-dritt tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap.319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi l-Ordni ta' Iffriżar qiegħed jinfliġi fuqu piena konsegwenzjali mill-eħrex mingħajr ma huwa ħati li kkommetta reat;*

*3. Tannulla, u tirrevoka l-Odni tal-Iffriżar mertu tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet "Repubblika ta' Malta v. Joseph Lebrun";*

*4. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti;*

*5. Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti; u*

*6. Tagħti dawk il-provvedimenti kollha li hija tħoss neċessarji sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fosthom illi tillikwida kumpens li għandu jkun pagabbli lir-rikorrent minħabba l-leżjoni li sofra kif hawn fuq spjegat."*

2.2. B'risposta ippreżentata fl-10 ta' Novembru 2022 l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat wieġbu illi:

*"1. Illi preliminarjament in kwantu dak li qiegħed jigi attakkat hija essenzjalment ordni maħruga minn Qorti u liġi, l-esponenti Avukat Ġenerali teċepixxi li ma hijiex il-leġittima kontraditriċi fl-azzjoni istitwita mir-rikorrenti u dan skont dak li jipprovdi l-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu huwa ċar mir-rikors in risposta li l-azzjoni tar-rikorrent hija biex tattakka Ordni ta' Ifriżar maħruġa mill-Qorti, l-esponenti jeċepixxu n-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali bil-konsegwenza li ma ġewx eżawriti r-rimedji ordinarji ai termini tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorament dan l-ilment, u dan a tenur tal-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3. Illi fil-mertu u bla ħsara għas-suespost, jiġi eċċepit li l-pretensjonijiet, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom;*

*4. Illi bla ħsara għas-suespost, l-Artikolu 22A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprospetta tliet rimedji. Dan l-Artikolu jipprovdi li:*

> *'Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 22, b'bejgħ jew bi traffikar ta' mediċina jew bi promozzjoni, kostituzzjoni, organizzazzjoni jew finanzjament ta' assoċjazzjoni taħt is-subartikolu (1)(f) ta' dak l-artikolu jew bir-reat fis-subartikolu (1Ċ) tal-istess artikolu, jew bir-reat ta' pussess ta' xi mediċinali, kontrad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt dawk iċ-ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni-*
> *(...)*
>
> *Iżda wkoll l-qorti tista' barra minn dan –*
>
> *(a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*

*(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.*

*(...)*
*(3) Il-qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni kif hekk mibdul.' (Enfażi u sottolinear miżjud mill-esponenti.)*

*Fi kliem sempliċi, l-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jikkontempla tliet rimedji separati għal ċirkostanzi differenti li jistgħu javveraw rwieħhom matul proċess kriminali: il-ħlas ta' kredituri bona fide li kellhom krediti mal-akkużat qabel il-ħruġ tal-ordni ta' ffriżar, it-trasferiment ta' mobbli u immobbli għal raġuni tajba, u finalment, ir-rimedju ġenerali prospettat fis-subartikolu (3).*

*Illi dan premess, ir-rikorrent għandu juri li utilizza dawn ir-rimedji u konkretament juri kif dawn ir-rimedji ma kienux effettivi għall-għanijiet tiegħu.*

*5. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu fil-premessi qiegħda ssir referenza għall-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponenti jwieġbu li dan l-Artikolu ma japplikax u dan peress li sabiex japplika dan l-Artikolu, irid ikun hemm teħid totali mingħajr kumpens. F'każ ta' ffriżar u qbid ta' assi hemm biss kontroll ta' użu ta' proprjeta` mhux teħid. Illi anke jekk għal grazzja tal-argument, din l-Onorabbli kellha tiddeċiedi li dan l-Artikolu huwa applikabbli, xorta waħda ma hemmx ksur ta' dan l-Artikolu u dan għar-raġunijiet kollha spjegati f'din ir-risposta;*

*6. Illi bla ħsara għas-suespost, sa fejn qiegħda tiġi allegata vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-esponenti jeċepixxu illi dan l-artikolu Konvenzjonali jipprovdi li jista' jkun hemm privazzjoni jew kontroll ta' użu tad-dritt għat-tgawdija tal-possediment meta dan ikun fl-interess pubbliku. Ċertament li twaqqaf reat kriminali milli jseħħ jew ikompli jseħħ huwa fl-interess pubbliku. Skont il-proviso tal-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xieraq, f'dan il-każ sabiex jipproteġi r-rikavat ta' kull reat kriminali. Din il-miżura hija għalhekk għal kollox neċessarja għaliex ir-reati li bihom ir-rikorrent huwa mixli u ċioe` dwar traffikar ta' droga u reati relatati huma reati serji. Tali miżura hija leġittima, ġustifikata u proporzjonata u taqa' taħt l-interessi tal-Istat li jżomm is-sigurta' pubblika u dan sabiex jiġi evitat jew jitwaqqaf id-diżordni jew għemil kriminali u jiġi assigurat li flus li ġejjin minn reati ma jintużawx għal benefiċċju ta' min jikkommetti l-istess reati;*

*7. Bla ħsara għas-suespost, l-esponenti jfakkru li r-rikorrent ġie akkużat b'reat serju ta' traffikar ta' droga u reati relatati. L-Ordni ta` iffriżar u qbid tal-assi hi miżura proviżorja ta` kontroll ta` proprjeta` sabiex tiżgura li proprjeta` li ġiet akkwistata b`attivita` illeċita li tkun twettqet b`detriment għall-komunita`, f`każ ta` sejbin ta` ħtija tkun tista' tiġi konfiskata. L-iffriżar tal-assi jsir fl-interess ġenerali sabiex min jagħmel il-ġid minn reat kriminali ma jieħux benefiċċju minn tali attivita` illeċita. L-*

*Ordni ta' ffriżar u qbid tibqa' fis-seħħ sakemm ikun hemm deċiżjoni ikkunisdrata bħala res judicata;*

*8. Bla ħsara għas-suespost, u b'żieda ma' dak sueċċepit, ordni ta' ffriżar hi għodda tal-Prosekuzzjoni li sservi żewġ (2) għanijiet. L-ewwel għan huwa li tiżgura li fil-mument li tinħareġ, l-assi kollha tal-persuna milquta huma sekwestrati u ma jkun jista' jsir ebda trasferiment tagħhom. L-iskop ta' dan huwa manifest u ċar; kjarament hemm ħtieġa li meta persuna tiġi mixlija bit-traffikar ta' droga, hemm bżonn li tittieħed miżura kawtelatorja sabiex jiġi żgurat li r-rikavat ta' dak ir-reat ma jkunx jista' jinħeba, jitberbaq jew b'xi mod jew ieħor ma jkunx aktar jista' jiġi rintraċċat. Din il-miżura hi neċessarja, imqar biex jiġi żgurat li jekk dik il-persuna tiġi misjuba ħatja, hi ma tkunx tista' xorta waħda tgawdi l-frott tal-illegalitajiet li tkun wettqet.*

*.......*

*Illi t-tieni għan ta' ordni ta' ffriżar huwa sabiex jiġi żgurat li fl-eventwalità li tinstab ħtija, ikun jista' jiġi żgurat l-enfurzar tas-sentenza mogħtija. Di fatti, il-liġi stess espliċitament tipprovdi għal dan il-kunċett, magħruf aħjar bħala value confiscation fl-Artikolu 22(3B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li:*

> *'Meta r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun tberbaq jew għal xi raġuni oħra li tkun dak ir-rikavat ma jkunx jista' jiġi identifikat u konfiskat jew tiġi ordnata l-konfiska ta' proprjetà bħal dik li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, il-qorti għandha twaħħal lill-persuna li tinsab ħatja jew lill-korp magħqud, jew lill-persuna li tinsab ħatja u lill-korp magħqud solidalment, skont il-każ, biex tħallas multa li tkun ekwivalenti għall-ammont tar-rikavat li jkun ġej mir-reat. Dik il-multa tkun tista' tinġabar bħala dejn ċivili u għal dan l-għan is-sentenza tal-qorti għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.'*

*Għalhekk, anke kieku, għall-grazzja tal-argument biss, ir-rikorrent juri li għandu proprjetà preżentement milquta minn ordni ta' ffriżar li kienet akkwistata b'mod leġittimu, din xorta waħda tibqa' soġġetta għall-konfiska peress li tkun tista' sservi biex titħallas multa mposta f'każ ta' sejbien ta' ħtija.*

*9. Bla ħsara għas-suespost, in kwantu fejn ir-rikorrenti jilmenta li l-Ordni ta' ffriżar ma kinitx limitata għall-ammont li allegatament ir-rikorrent avvantaġġa ruħu minnu bl-allegata kommissjoni tar-reat imputat lilu, l-esponenti jwieġbu li l-Qrati għandhom joqgħodu lura milli jagħtu provvedimenti li jistgħu jinoltraw il-mertu tal-każ. B'żieda ma' dan, wieħed ma jistax jinsa, li hemm il-kunċett ta' intermingling of proceeds u għalhekk fl-istadju tal-proċess ġudizzjarju pendenti, l-iffriżar ma jistax ikun limitat għal fi kliem ir-rikorrent 'ammont li allegatament ir-rikorrenti avvantaġġa ruħu minnu bl-allegata kommissjoni tar-reat'. Filfatt it-tifsira tal-kliem 'rikavat mill-kriminalita' fl-Artikolu 3 tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta huwa:*

*'(1) "Rikavat mill-kriminalità" tfisser kwalunkwe vantaġġ ekonomiku jew benefiċċju ieħor derivat direttament jew indirettament minn reat rilevanti, inkluża iżda mhux limitata għal kwalunkwe proprjetà jew interess fi proprjetà li ma tkunx inkisbet jew tinżamm ħlief għat-twettiq tar-reat.*

*(2) Ir-rikavat mill-kriminalità jista' jikkonsisti f'kull tip ta' proprjetà ta' kwalunkwe deskrizzjoni u ta' kwalunkwe natura, kemm jekk mobbli jew immobbli, korporali jew inkorporali irrispettivament minn jekk dik il-proprjetà tkunx tinsab f'Malta jew mod ieħor u irrispettivament minn min tinżamm dik il-proprjetà, u tinkludi kwalunkwe investiment mill-ġdid jew trasformazzjoni sussegwenti.*

*(3) Ir-rikavat mill-kriminalità jfisser ir-rikavat totali ta' reat rilevanti mingħajr kreditu jew tnaqqis għal kwalunkwe spiża mġarrba biex isir ir-reat jew taxxi mħallsa jew dovuti.*
*(...)'*

*10. Dan kollu huwa rilevanti wkoll in kwantu għall-allegat ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali. Huwa paċifiku li l-interferenza tal-Istat fuq l-użu tal-proprjetà tista' titqies bħala waħda permessibbli jekk:*

*a. Il-miżura mittieħda mill-Istat tkun saret taħt qafas legali;*

*b. L-iskop tal-miżura kien wieħed għal għan leġittimu;*

*c. Il-miżura meħuda żżomm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.*

*............*

*12. Bla ħsara għas-suespost, l-Ordni ta' ffriżar u qbid in diżamina ħarġu skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi u għal għan leġittimu li hija l-protezzjoni tas-soċjeta' in ġenerali. Illi r-rikorrent ma huwiex qiegħed isofri piż eċċessiv u sproporzjonat u dan anke tenut kont tal-ħsara li l-attivita' kriminali in kwistjoni tagħmel lis-soċjeta', l-interess ġenerali għandu jipprevali fuq dak tar-rikorrent li jiddisponi u/jew jagħmel użu mill-assi tiegħu;*

*13. Bla ħsara għas-suespost, il-preambolu (26) tad-Direttiva 2014/42/UE Tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attivita' kriminali fl-Unjoni Ewropea jipprovdi li:*

*'Konfiska twassal għaċ-ċaħda definittiva minn proprjetà. Madankollu, il-preservazzjoni ta' proprjetà tista' tkun prerekwiżit għal konfiska u tista' tkun ta' importanza għall-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska. Proprjetà tiġi ppreservata permezz ta' ffriżar. Sabiex jiġi evitat li l-proprjetà tintefaq qabel toħroġ l-ordni ta' ffriżar l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri*

> *għandu jkollhom is-setgħa li jieħdu azzjoni immedjata biex jissalvagwardjaw tali proprjetà.'*

*Filwaqt li l-artikolu 7.1 tal-imsemmija Direttiva jipprovdi li:*

> *'L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu jistgħu jiffriżaw proprjetà fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement. Dawk il-miżuri, li għandhom jiġu ordnati minn awtorità kompetenti, għandhom jinkludu azzjoni urġenti li għandha tittieħed fejn meħtieġ biex tiġi preservata l-proprjetà.'*

*14. Bla ħsara għas-suespost, in kwantu l-ilment dwar ksur tal-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali u l-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent iwieġeb li ma hemmx ksur ta' dawn l-Artikoli. Dawn l-Artikoli huma filfatt inapplikabbli għal fatti speċi tal-każ odjern u dan peress li jitrattaw piena, meta dak li qiegħed jilmenta minnu r-rikorrent ma hijiex piena iżda miżura kawtelatorja;*

*15. Bla ħsara għas-suespost, in kwantu r-rikorrent qiegħed jagħmel referenza għal li l-proċeduri ilhom pendenti, u ċioe' għal sbatax-il sena, l-esponent iwieġeb li t-tul ta' żmien kien diġa` mertu ta' kawża Kostituzzjonali fl-ismijiet 'Joseph Lebrun v. Avukat Ġenerali' fejn l-Onorabbli Qorti kienet ordnat li r-rikorrent jingħata kumpens. B'żieda ma' dan, jirriżulta li huwa r-rikorrent li għadu jtawwal il-proċeduri penali, tant li l-appell dwar is-sentenża rigwardanti l-eċċezzjonijiet preliminari tar-rikorrent mertu tal-Att ta' Akkuża 9/2014 jinsab differit sine die mit-13 ta' Frar, 2019 fuq talba tar-rikorrent lill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tissoprassjedi sakemm tiġi deċiża kawża kostituzzjonali. Fil-frattemp jirriżulta li r-rikorrent intavola numru ta' kawżi kostituzzjonali. Għalhekk ċertament li huwa r-rikorrent li qiegħed jtawwal il-proċeduri kriminali, konsegwentement l-ilment li l-Ordni ta' ffriżar ilha fis-seħħ 'il fuq minn sbatax-il sena ma huwiex imputabbli lill-esponenti. B'żieda ma' dan, il-fatt li l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent ilhom għaddejjin, dan ma jwassalx għal xi illegalita' fl-Ordni maħruġ jew li jxejnu s-siewi li kellu meta nħareġ;*

*16. Stante li ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, it-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;*

*17. Bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li ssib ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent, dikjarazzjoni tkun suffiċenti u ma hemmx lok għal għoti ta' kumpens u danni;*

*18. Bla ħsara għas-suespost, in kwantu t-tielet (3) talba u ċioe' fejn din l-Onorabbli Qorit intalbet sabiex tannulla u tirrevoka l-Ordni ta' ffriżar mertu tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet 'Repubblika ta' Mala v. Joseph Lebrun', l-esponenti iwieġbu li din it-talba hija infondata u għandha wkoll tiġi miċħuda. F'każ li din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li tilqa' din it-talba,*

*dan ikun qiegħed ixekkel l-għanijiet li għalihom inħarġet l-Ordni ta' ffriżar u qbid."*

2.3. Permezz ta' sentenza mogħtija fl-4 ta' Lulju 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi:

*"1. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li r-rikorrent sofra ksur tad-dritt tiegħu tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif imħares bl-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Tiċħad it-tieni talba.*

*3. Tilqa' t-tielet talba billi tannulla u tirrevoka l-ordni tal-iffriżar mertu tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet Repubblika ta' Malta v. Joseph Lebrun.*

*4. Tilqa' r-raba' u s-sitt talba billi tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent fis-somma ta' €15,000.*

*5. Tilqa' l-ħames talba billi tikkundanna lill-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali f'ishma ndaqs bejniethom iħallsu lir-rikorrent id-danni hekk likwidati.*

*Il-Qorti tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex f'każ li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jibgħat kopja tagħha lill-Onor. Speaker tal-Kamra tad-Deputati kif stabbilit fl-Art. 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*Spejjeż 75% għall-intimat u 25% għar-rikorrent."*

3. L-intimati appellaw b'rikors ippreżentat fil-21 ta' Lulju 2023 li bih talbu lil din il-Qorti:

*'tirriforma s-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-erbgħa (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) fl-ismijiet premessi, billi filwaqt li tikkonfermaha fejn ċaħdet it-tieni talba tal-appellat li kienet tirrigwarda l-allegata leżjoni tad-dritt tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, tħassar u tirrevoka l-kumplament tas-sentenza u tiċħad it-talbiet tal-appellat, bl-ispejjeż kontra l-appellat."*

4. L-appellat wieġeb li s-sentenza appellata hi ġusta u din il-Qorti għandha tiċħad l-appell għaliex infondat fil-fatt u fid-dritt.

Fatti.

5. Il-fatti prinċipali rilevanti għall-appell tal-intimati huma dawn:

5.1. Fis-6 ta' Settembru 2005 ir-rikorrent tressaq akkużat li assoċja ruħu ma' oħrajn biex ibiegħ jew jittraffika eroina f'Malta, jew li ppromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assoċjazzjoni, jew li importa/forna/ipprokura l-istess droga u b'pussess aggravat tal-istess mediċina perikoluża bi ksur tal-Kap. 101[1];

5.2. Fl-istess jum, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fuq talba tal-prosekuzzjoni ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni l-flejjes u proprjetà mobbli jew immobbli kollha appartenenti lill-imputat u tipprojbixxi lill-istess imputat milli jittrasferixxi l-assi kemm mobbli kif ukoll immobbli li huma tiegħu[2];

5.3. Fit-23 ta' Settembru 2005 xehed l-ispiżjar Mario Mifsud li s-sustanza elevata mill-Pulizija (relattiva għar-reat imputat Lebrun u oħrajn) kienet tikkonsisti f'7023.3 gramma droga eroina b'medja ta' purità ta'

[1] Fol. 26 - 27
[2] Fol. 28 – 29, 115 – 116

47.2% u 2.851 grammi kokajina b'medja ta' purità ta' 49.2% (ara fol. 114 tal-proċeduri kriminali);

5.4. B'rikors ippreżentat fis-27 ta' Settembru 2005[3] l-imputat u martu talbu lill-Qorti tawtorizza l-bejgħ ta' fond proprjetà tagħhom f'Bormla, liema fond kien diġa' qiegħed fuq konvenju iżda l-prosekuzzjoni opponiet;

5.5. Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Novembru 2005[4] il-Qorti kienet ikkonkludiet illi m'hemmx raġunijiet biżżejjed sabiex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, u rrinvijat l-atti għand l-Avukat Ġenerali skont l-artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali;

5.6. Sussegwentement l-Avukat Ġenerali pprevalixxa ruħu minn dak li kien jipprovdi s-subartikolu (3) tal-artikolu 433 tal-Kodiċi Kriminali, u wara li kkonsulta ma' Mħallef, ħareġ mandat ta' arrest datat 7 ta' Diċembru 2005. L-għada, 8 ta' Diċembru 2005, il-pulizija eżekuttiva arrestat lil Lebrun mill-ġdid u ressqitu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja[5];

5.7. Fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2006[6] il-Qorti awtorizzat ir-rilaxx u t-trasferiment ta' vettura lil terz[7]. Ordant ukoll issir ir-referenza

[3] Fol. 254 - 255
[4] Fol. 36 et seq.
[5] Fol. 137
[6] Fol. 143
[7] Fol. 240 et seq.

kostituzzjonali mitluba mill-imputat dwar allegat ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq marbut mal-proċedura użata mal-Avukat Ġenerali biex huwa jerġa' jiġi mqiegħed taħt att ta' akkuża. Il-każ kien differit *sine die* pendenti r-riferenza;

5.8. B'sentenza tad-9 ta' Frar 2007 il-Qorti Kostituzzjonali[8] ddikjarat li l-procedura ta' konsultazzjoni fil-privat tal-Avukat Ġenerali ma' Mħallef magħżul minnu skont l-Artikolu 433(3) tal-Kodiċi Kriminali flimkien mat-tkomplija tal-kumpilazzjoni, u l-eventwali ħruġ ta' att ta' akkuża x'aktarx ser jiksru d-dritt ta' Lebrun għal smigħ xieraq kif garanti bl-Artikolu 39(1) u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

5.9. Permezz ta' rikors ippreżentat fil-15 ta' Frar 2007[9] Lebrun talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja sabiex tawtorizzah jirriprendi lura l-effetti mobbiljari tiegħu u tirrevoka l-ordni ta' ffriżar relattiva. Dan abbażi tal-premessa li ma kienx għad hemm proċeduri pendenti kontrih;

5.10. L-Avukat Ġenerali wieġeb[10] li mhux minnu li ma kienx għad hemm proċeduri kontra Lebrun billi l-Qorti Kostituzzjonali kienet akkordat

[8] Rikors Numru 16/2006, sentenza a fol. 51 et seq.
[9] Fol. 47
[10] Fol. 50

perjodu ta' tliet xhur sabiex l-Eżekuttiv jingħata l-possibbiltà jagħmel intervent leġislattiv;

5.11. Fl-1 ta' Marzu 2007 Lebrun iddikjara li f'dak l-istadju u mingħajr preġudizzju kien qiegħed jirtira t-talba[11];

5.12. Safrattant saret emenda fil-Kodiċi Kriminali u fis-27 ta' April 2007 l-Avukat Ġenerali ppreżenta rikors lill-Qorti Kriminali fejn talabha tiddikjara li fit-23 ta' Novembru 2005 kien hemm raġunijiet biżżejjed sabiex Lebrun jitqiegħed taħt att ta' akkuża u tordna l-kontinwazzjoni tal-proċeduri kontra tiegħu. Talba li ġiet milqugħa b'digriet mogħti fit-3 ta' Mejju 2007[12];

5.13. Permezz ta' relazzjoni preżentata fid-29 ta' Ottubru 2007, il-perit tal-Qorti rrelatat li Lebrun kellu s-segwenti assi f'ismu: Polza ta' assikurazzjoni ma' GasanMamo Insurance Ltd fuq il-vettura EBH286 li skadiet fil-31 ta' Mejju 2006; Lm85 f'kont kurrenti mal-HSBC; Żewġ *baby bond policies* mal-Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited; 4 vetturi; 2 dgħajjes; fond terran il-Fgura; flimkien ma' martu u ma' terz terran ieħor il-Fgura; u flimkien ma' martu fond f'Bormla, appartament l-Isla u *groundfloor maisonette Marsascala*;

[11] Fol. 71, 269
[12] Fol. 74 et seq.

5.14. Permezz ta' rikors ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2008[13] l-imputat u martu talbu lill-Qorti tawtorizzahom isarrfu ż-żewġ poloz ta' assigurazzjoni li kienu fetħu a benefiċċju ta' wliedhom, liema talba ġiet awtorizzata b'digriet mogħti fit-12 ta' Awwissu 2008 suġġett għall-kondizzjoni illi r-rikavat jiġi depożitat f'kont bankarju appożitu li jkun ukoll milqut bl-ordni ta' ffriżar[14]. Talba sussegwenti, li saret fl-24 ta' Ottubru 2008, sabiex dawk il-flejjes jiġu msarrfa[15] ġiet miċħuda[16];

5.15. Fl-2013 Lebrun ilmenta minn ksur ta' drittijiet fundamentali tiegħu minħabba dewmien fil-proċeduri kriminali kontrih[17] u b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Mejju 2014, instab li kien ġie miksur il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq għaliex il-proċeduri ma tmexxewx b'ħeffa u effiċjenza biżżejjed biex is-smigħ jintemm fi żmien raġonevoli u b'hekk ingħata kumpens fis-somma ta' €6,000, u €10 kuljum mid-data tas-sentenza sal-ġurnata li fiha l-Avukat Ġenerali jippreżenta l-att tal-akkuża relattiva[18];

5.16. Fis-26 ta' Ġunju 2014 inħareġ l-Att ta' Akkuża kontra Lebrun (Numru 9/2014) fejn ġie akkużat b'assoċjazzjoni, importazzjoni, traffikar u pussess ta' aktar minn seba' (7) kilogrammi droga erojina b'valur fis-

[13] Fol. 276 et seq.
[14] Fol. 287
[15] Fol. 288
[16] Fol. 292
[17] Rikors Numru. 41/2013 AE, sentenza tal-Prim'Istanza a fol. 83 et seq. u sentenza ta' din il-Qorti a fol. 104 et seq.
[18] Fol. 104 et seq.

suq ta' madwar erba' mija u tmienja u għoxrin elf, sitt mija u tmienja u sittin ewro (€428,668);

5.17. B'sentenza mogħtija fil-31 ta' Jannar 2018 il-Qorti Kriminali ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha ta' Lebrun ħlief għat-tielet waħda u, filwaqt li ordnat l-isfilz ta' xi dokumenti, iddiferiet il-każ *sine die* sakemm ikun magħruf l-eżitu ta' xi appell eventwali jew, jekk ma jkunx hemm tali appell, sakemm il-kawża jmissha t-*turn* tagħha biex tinstema' mill-Qorti bil-ġurati;

5.18. Lebrun appella b'rikors preżentat fil-5 ta' Frar 2018 u fis-seduta tat-13 ta' Frar 2019 talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali tissoprassjedi sakemm tiġi deċiża kawża kostituzzjonali minnu ppreżentata li setgħet taffettwa l-proċeduri. Wara li l-Avukat tal-Istat ivverbalizza li kien ser joqgħod fuq id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, il-Qorti laqgħet it-talba u ħalliet l-appell *sine die*;

5.19. Minn dakinhar ma jirriżultax li kien hemm żvilupp fil-kawża kriminali.

6. <u>L-ewwel aggravju</u> tal-intimati huwa illi l-Ewwel Qorti żbaljat meta ċaħdet l-eċċezzjoni li l-Avukat Ġenerali mhijiex il-leġittimu kontradittur.

7. Il-parti rilevanti tas-sentenza appellata hija s-segwenti:

> *"Ġie eċċepit li l-Avukat Ġenerali mhuwiex leġittimu kontradittur. Din il-Qorti ma taqbilx. Filwaqt li l-Avukat tal-Istat għandu r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern inter alia in kwantu qiegħdha tiġi attakkata liġi, l-*

*Avukat Ġenerali huwa l-Uffiċjal Prosekutur Ewlieni bis-setgħa li jibda', imexxi u jtemm il-proċedimenti kriminali, inkluż li jitlob il-ħruġ ta' ordni tal-iffriżar, u għalhekk huwa wkoll huwa leġittimu kontradittur."*

8. L-intimati jinsistu li l-ilment tar-rikorrent f'din il-kawża huwa l-Ordni ta' ffriżar li nħarġet mill-Qorti fuq talba tal-Kummissarju tal-Pulizija. Iżidu li dak iż-żmien il-prosekuzzjoni ma kinitx immexxija mill-Avukat Ġenerali u għalhekk l-eċċezzjoni li l-Avukat Ġenerali mhijiex leġittima kontradittriċi kellha tintlaqa'.

9. Dwar min għandu jwieġeb f'kawżi ta' din ix-xorta ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet **<u>Oliver Agius vs. L-Onorevoli Prim Ministru</u>**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fid-29 ta' Settembru, 2016 fejn ingħad:

*"Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejalta' u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntraditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xi ħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;"*

10. Minkejja illi l-ordni ta' ffriżar hawn impunjata ngħatat fuq talba tal-Pulizija, l-effetti tal-istess komplew tul il-proċeduri kriminali li għadhom pendenti. L-Avukat Ġenerali hu direttament involut f'dawk il-proċeduri

bħala l-Uffiċjal Prosekutur Ewlieni. Għalhekk, m'hemmx dubju li hemm il-leġittimità passiva min-naħa tiegħu, ġialadarba qiegħed imexxi l-prosekuzzjoni.

11. Għalhekk tiċħad l-aggravju.

12. <u>It-tieni aggravju</u> huwa illi l-Ewwel Qorti żbaljat meta sabet leżjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali.

13. Fir-rigward, il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu dawn:

*"L-eċċezzjonijiet ewlenin tal-intimati jistgħu jinqasmu fi tnejn; waħda proċedurali u l-oħra sostantiva:*

*(i) Ir-rikorrent għandu disponibbli r-rimedji pprovduti mil-liġi ordinarja (żewġ provisos tal-Art. 22A(1)). Permezz ta' dawn il-provisos, il-qorti ta' kompetenza penali tista' tnaqqas l-effett tal-ordni tal-iffriżar b'diversi modi. Ir-rikorrent għamel użu minnhom u l-maġġor parti tat-talbiet tiegħu intlaqgħu. Ir-rikorrent, isostnu l-intimati, naqas li juri li dawn ir-rimedji ma kinux effettivi għall-għanijiet tiegħu. Jiċċitaw lil* ***Zahra*** *li tgħid li din id-dispożizzjoni toħloq element ta' proporzjonalita` bejn l-interessi tal-ġustizzja u dawn tal-persuna mixlija u għalhekk ma sabitx ksur tad-drittijiet fundamentali fil-każ li kellha quddiemha.*[19]

*(ii) Il-liġi li tawtorizza l-ordni tal-iffriżar hija konformi mad-Direttiva*[20] *biex ikunu jistgħu jiġu ppreżervati beni provenjenti mill-kriminalita` biex ikunu disponibbli jekk jiġu kkonfiskati f'każ ta' sejbien ta' ħtija.*

*(iii) L-iffriżar (b'kuntrast mal-konfiska) mhuwiex piena u għalhekk ma japplikax għalih il-kunċett tan-nullum poenam sine lege.*

*Rigward l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, il-Qorti tinnota li l-ilment tar-rikorrent imur lil hinn mill-firxa idjaq jew usa' tal-ordni tal-iffriżar. Lanqas ma jqajjem ebda oġġezzjoni dwar l-iskop ta' ordni bħal din. L-ilment tar-rikorrent hu li nkisirlu l-jedd fundamentali tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu minħabba li ma jistax jikkontesta l-ħruġ tal-ordni tal-*

---

[19] Angelo Zahra v. L-Avukat Ġenerali 22.10.2019 Prim'Awla (sede Kostituzzjonali).
[2020] Direttiva 2014/42/UE Art. 7(1).

*iffriżar kif ukoll minħabba li l-impożizzjoni tal-ordni tal-iffriżar ġiet imposta għal tul ta' żmien esaġerat.*

*Il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem*[21] *li d-dewmien mhux ġustifikat flimkien mal-iskop u n-natura tar-restrizzjonijiet, kif ukoll il-preżenza jew l-assenza ta' garanziji proċedurali huma lkoll fatturi rilevanti biex jiġi ddeterminat ikunx hemm ksur tad-drittijiet fundamentali. Il-liġi tagħna m'għandha fis-seħħ l-ebda mezz ta' appell biex il-persuna kkonċernata tkun tista' titlob lill-Qorti tirrevedi l-ħtieġa li l-ordni jibqa' fis-seħħ u anzi minflok l-Ordni trid tibqa' fis-seħħ sakemm jispiċċaw il-proċeduri fi grad ta' appell jekk ikun il-każ, irrispettivament minn kull fattur li jista' jimmilita kontra ż-żamma fis-seħħ ta' din l-Ordni.*[22] *Akkopjat mat-tul taż-żmien esaġerat tal-proċeduri penali, dan in-nuqqas jagħti lok biex l-ewwel talba tiġi milqugħa.*

*Dwar it-tielet eċċezzjoni: Miżura jista' jkollha l-konsegwenza ta' piena anke jekk fil-liġi ma tiġix ikklassifikata bħala tali. Dak li qiegħed jilmenta minnu r-rikorrent mhuwiex piena imma miżura kawtelatorja u għalhekk l-intimati għandhom raġun meta jsostnu li l-Art. 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Art. 7 tal-Konvenzjoni mhux applikabbli.*

*L-intimati jeċċepixxu wkoll illi l-proċeduri penali ma ntemmux tort tar-rikorrent li istitwixxa proċeduri kostituzzjonali. B'danakollu ma jirriżultax li dawn il-proċeduri saru b'mod frivolu jew vessatorju, jew biex jipparalizzaw il-proċeduri penali."*

14. L-intimati jinsistu li l-proviso tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jagħti lill-Istat il-poter li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhirlu xierqa sabiex jipproteġi r-rikavat minn kull reat kriminali u li l-miżura inkwistjoni hija leġittima, ġustifikata u proporzjonata. Dan billi: (i) skont l-ewwel proviso tal-artikolu 22A(1) tal-Kap. 101, il-Qorti tista' tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lill-akkużat *'sabiex hu u l-familja tiegħu jkollhom għixien diċenti f'ammont ta' €13,976.24 fis-sena'*; (ii) skont l-artikolu (a) tal-ewwel proviso tal-Artikolu 22A(1) tal-Kap. 101, il-Qorti tista' wkoll tawtorizza ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri *bona*

[21] Shorazova v. Malta (QEDB 03.03.2022).
[22] Art. 22A(2)(b) Kap. 101. Ara Sebastian Dalli v. L-Avukat tal-Istat et. 30.11.2022 Qorti Kostituzzjonali.

*fide* li jkunu saru qabel ma nħareġ l-Ordni; (iii) skont l-artikolu (b) tal-ewwel proviso tal-Artikolu 22A tal-Kap. 101 il-Qorti tista' wkoll, għal raġuni tajba, tawtorizza lill-akkużat biex jitrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli; (iv) skont l-artikolu 22A(3) tal-Kap. 101 il-Qorti tista' tibdel dik l-Ordni; u (v) meta xi flus ikunu jew isiru dovuti lill-akkużat waqt li l-Ordni jkun fis-seħħ, tali flus jiġu depożitati f'bank għall-kreditu tal-akkużat. Isostnu li l-appellat ma ġab ebda prova li huwa safa preġudikat jew sofra ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem kif minnu allegat u li l-Ewwel Qorti ma ndikat l-ebda fattur li jista' jimmilita kontra ż-żamma fis-seħħ tal-Ordni ta' ffriżar. L-intimati jtennu li l-proċeduri penali għadhom pendenti *sine die* mit-13 ta' Frar 2019 għaliex qegħdin jistennew l-eżitu ta' diversi kawżi kostituzzjonali ntavolati minn Lebrun (Rik. Nru 221/2022 AJD[23] u Rik. Nru. 69/2018 MH[24]).

15. Da parti tiegħu r-rikorrent jinsisti li l-Avukat Ġenerali dejjem joġġezzjona li l-assi jinħallu minn ordni ta' ffriżar u talbiet bħal dik dejjem jiġu miċħuda. Lanqas ma hija soluzzjoni li jiġu likwidati assi oħra billi kull rikavat xorta se jiġi ffriżat. Jgħid għalhekk li l-ordni ta' ffriżar poġġiet piż

[23] B'dik il-kawża Lebrun talab li jiġu sfilzati provi mill-proċeduri kriminali miġjuba fil-konfront tiegħu minħabba allegat ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq iżda b'sentenza tas-27 t'Ottubru 2023, il-Qorti Ċivili (Prim'Awla) iddeklinat milli teżerċita s-setgħat tagħha a tenur tal-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319. Dik il-kwistjoni tinsab illum pendendi quddiem din il-Qorti Kostituzzjonali (sentenza għandha tingħata fl-24 ta' Ġunju 2024).

[24] B'dik il-kawża Lebrun talab li l-Qorti ssib ksur tad-Drittijiet Fondamentali tiegħu marbut ma' interċettazzjonijiet telefoniċi *ai termini* tal-Kap. 391. Kawża differita għall-10 ta' Ġunju 2024 għall-finali trattazzjoni.

sproporzjonat fuqu, liema preġudizzju jirriżulta b'mod oġġettiv u għalhekk m'hemmx għalfejn iressaq provi oħra.

16. L-Ordni ta' ffriżar in kwistjoni ħarġet fl-2005. Dak iż-żmien l-artikolu 22A tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi (Kap. 101) kien jipprovdi hekk:

> *"22A. (1) Meta persuna tiġi akkużata taht l-artikolu 22 ta' din l-Ordinanza, b'bejgħ jew bi traffikar ta' mediċina jew bi promozzjoni, kostituzzjoni, organizzazzjoni jew finanzjament ta' assoċjazzjoni taħt il-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu jew bir-reat fis-subartikolu (1Ċ) tal-istess artikolu, il-Qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –*
>
> *(a) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u*
>
> *(b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort' oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:*
>
> *Iżda l-Qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat filwaqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu fis-sena (13,976.24):*
>
> *Iżda wkoll il-Qorti tista' barra minn dan –*
>
> *(a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*
>
> *(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.*
>
> *(2) Dak l-ordni għandu -*
>
> *(a) jibda jseħħ u jorbot lit-terzi persuni kollha immedjatament malli jsir, u r-Reġistratur tal-Qorti għandu jieħu ħsieb li avviż dwaru jiġi pubblikat mingħajr dewmien fil-Gazzetta, u għandu jieħu ħsieb ukoll li kopja tiegħu tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku dwar proprjetà immobbli, u*

***(b) jibqa' jseħħ sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konklussiv, u fil-każ li persuna tinsab ħatja, sakemm is-sentenza tkun ġiet eżegwita.***[25]

*(3) Il-Qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni kif hekk mibdul.*

*(4) Kull ordni bħal dak għandu jkun fih l-isem u l-kunjom ta' l-akkutżat, il-professjoni, is-sengħa jew stat ieħor tiegħu, isem missieru, isem ommu u kunjom ta' xbubitha, post tat-twelid u post ta' residenza u n-numru tal-Karta ta' l-identità tiegħu.*

*(5) Meta xi flus ikunu jew isiru dovuti lill-akkużat mingħand xi persuna fil-waqt li dak l-ordni jkun fis-seħħ dawk il-flus għandhom, sakemm ma jkunx ordnat xort' oħra f'dak l-ordni, jiġu depożitati f'bank għall-kreditu tal-akkużat.*

*(6) Meta dak l-ordni ma jibqax fis-seħħ kif provdut fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu r-Registralur tal-Qorti għandu jieħu ħsieb li avviż f'dak is-sens jiġi pubblikat fil-Gazzetta, u għandu jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku nota li tħassar ir-reġistrazzjoni ta' dak l-ordni."*

17. Bl-emendi ntrodotti bl-Att IV tal-2014, minnufih wara s-subartikolu (6) tal-artikolu 22A tal-Kap. 101, żdiedu s-subinċiżi (7), (8) u (9) li jikkonċernaw ordni temporanja ta' ffriżar meta l-qorti ma tkunx ipproċediet minnufih biex tagħmel ordni skont sub-inċiż (1). Emendi li ma japplikawx għall-każ in eżami għaliex kien diġà nħareġ l-ordni ta' ffriżar kontra r-rikorrent.

18. Bl-Att XXXI tal-2019, fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) u fis-subartikolu (6), il-kliem *"ir-Reġistratur tal-Qorti"* ġew sostitwiti bil-kliem *"id-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi"*.

[25] Enfasi tal-Qorti

19. Stabbilt dan, irid issa jitqies jekk l-ordni ta' ffriżar fuq l-assi kollha tar-rikorrent appellat għal dawn l-aħħar tmintax-il sena, huwiex konformi mal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

20. F'dan il-kuntest issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Shorazova v. Malta** deċiża mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem [QEDB] fit-3 ta' Marzu 2022 (Application no. 51853/19). Każ dwar proċeduri relatati ma' talba għal assistenza legali u konsegwenti ordni ta' ffriżar *a tenur* tal-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali fuq il-proprjetà ta' Shorazova marbuta ma' proċeduri kriminali kontriha fil-Każakistan. *Inter alia* Shorazova ressqet ukoll ilment b'referenza għall-jedd fundamentali garantit taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

21. F' dak il-kuntest, il-QEDB tenniet is-segwenti prinċipji ġenerali:

> *"103. The Court reiterates that, according to its case-law, Article 1 of Protocol No. 1, which guarantees in substance the right of property, comprises three distinct rules: the first, which is expressed in the first sentence of the first paragraph and is of a general nature, lays down the principle of peaceful enjoyment of property. The second rule, in the second sentence of the same paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions. The third, contained in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, among other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The second and third rules, which are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property, are to be construed in the light of the general principle laid down in the first rule (see, among many other authorities, G.I.E.M. S.R.L. and Others v. Italy [GC], nos. 1828/06 and 2 others, § 289, 28 June 2018).*
>
> *104. The freezing of assets in the context of criminal proceedings with a view to keeping them available to meet a potential financial penalty falls to be analysed under the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, which, among other things, allows States to control the use of property*

> *to secure the payment of penalties (see, for example, Apostolovi v. Bulgaria, no. 32644/09, § 91, 7 November 2019 and the case-law cited therein; and, more recently, Karahasanoğlu v. Turkey, nos. 21392/08 and 2 others, § 144, 16 March 2021 in relation to temporary injunctions preventing the applicant from using and disposing of his assets). In such cases the Court must establish whether the measure was lawful and "in accordance with the general interest", and whether there existed a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see, for example, Džinić v. Croatia, no. 38359/13, §§ 61-62, 17 May 2016).*
>
> *105. In addition, the importance of the procedural obligations under Article 1 of Protocol No. 1 must not be overlooked. Thus the Court has, on many occasions, noted that, although Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, judicial proceedings concerning the right to the peaceful enjoyment of one's possessions must also afford the individual a reasonable opportunity of putting his or her case to the competent authorities for the purpose of effectively challenging the measures interfering with the rights guaranteed by this provision (see G.I.E.M. S.R.L. and Others, cited above, § 302 and the case-law cited therein). An interference with the rights provided for by Article 1 of Protocol No. 1 cannot therefore have any legitimacy in the absence of adversarial proceedings that comply with the principle of equality of arms, allowing discussion of aspects that are important for the outcome of the case. In order to ensure that this condition is satisfied, the applicable procedures should be considered from a general standpoint (ibid)."*

22. Fil-każ ta' Shorazova, il-QEDB osservat li wara tmien snin li l-ordni ta' ffriżar kontriha kien ilu fis-seħħ, il-Qorti Kriminali kienet sabet li dik l-ordni ta' ffriżar ma kienx inħareġ skont il-liġi għaliex Shorazova kienet biss suspettata u qatt ma kien hemm proċeduri kontriha fil-Każakistan. Bil-fatt li fi tmien snin ebda awtorità jew qorti domestika ma kienet għamlet l-aċċertamenti meħtieġa, il-QEDB qieset li kien hemm ċirkostanzi eċċezzjonali biżżejjed biex teżamina l-ilment tagħha, b'mod partikolari biex tindirizza l-kwistjoni jekk il-liġi tipprovdix biżżejjed salvagwardji kontra interferenza arbitrarja jew sproporzjonata.

23. Il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkwota x'qalet il-QEDB f'dak il-kuntest:

> *"113. According to the Court's case-law, the character of the interference, the aim pursued, the nature of property rights interfered with, and the behaviour of the applicant and the interfering State authorities are among the principal factors material to the assessment of whether the contested measure respects the requisite fair balance and, notably, whether it imposes a disproportionate burden on the applicants (see Karahasanoğlu, cited above, § 149).* ***While the length of time during which the restrictions remained in place is a crucial part of the Court's assessment****, the scope and nature of restrictions as well as the presence or absence of procedural guarantees are no less relevant (ibid., § 151). Indeed in previous cases where lengthy precautionary measures gave rise to a violation of Article 1 of Protocol No. 1, the finding of a violation was based on an accumulation of factors (see for example JGK Statyba Ltd and Guselnikovas v. Lithuania, no. 3330/12, §§ 130-33, 5 November 2013, and Džinić, cited above, §§ 70-82).*
>
> *114. Turning to the present case,* ***the Court considers that the freezing of all of the applicant's property (in Malta) is, by its nature, a harsh and restrictive measure****. It is capable of affecting the rights of an owner to such an extent that his or her main business activity or even living conditions may be put at stake (see JGK Statyba Ltd and Guselnikovas, cited above, § 129).* ***It is true that in the present case****, while the applicant claimed that her economic activities were paralysed,* ***it has not been claimed that her entire business or living conditions have been put at stake****. Indeed, as argued by the Government, the facts of the case show that the applicant has extensive means in various European States.* ***However, nowhere does it appear from the documents available to the Court that the value of the property subject to the freezing order – the entirety of her property in Malta – was equal to the pecuniary gain allegedly obtained through any alleged predicate offence (offences of which she may or may not have been suspected)****.* ***Nor that all her belongings had been suspected of being laundered money, offence of which she had been suspected*** *(contrast, Apostolovi, cited above, § 93, and Piras, cited above, § 56). It is true that when the first request for legal assistance was issued the proceedings in Kazakhstan were clearly at the investigation stage. However, a few months later, presumably in January 2014, the Maltese authorities appear to have harboured the idea that proceedings were initiated and 'charges' were instituted against the applicant (who obtained the status of an accused person in Malta on 10 October 2014). Nevertheless, from the materials available to the Court,* ***no domestic court appears to have made an assessment concerning the extent of the freezing order issued in February 2014 in relation to the "charges" set out by the Kazakh authorities****, neither at the time nor in subsequent renewals (compare Džinić, cited above, §§ 70-82).*

*115.* ***The Court reiterates that while the fact that freezing orders are made without notice being served on the accused or the other persons affected by them does not in itself raise an issue in terms of safeguards, given the one sidedness of the proceedings, the freezing order's potentially far reaching consequences, and the fact that it takes effect immediately (according to Maltese law – see Article 22A 2 (a) of the Dangerous Drugs Ordinance, paragraph 80 above), careful consideration of the requests for such orders is called for in each individual case*** *(see, mutatis mutandis, Apostolovi, cited above, § 98).*

*116. The applicant stressed the failure of the domestic courts to examine whether the request had been genuine and the excessive duration of the purported temporary measure.*

*117. The Court observes that in the present case the investigation was not being undertaken in Malta and the required action was not sought by the Maltese authorities who were solely acquiescing to the requests of the Kazakh authorities. Nevertheless, until 2021 – more than seven years after the issuance of the order – no assessment appears to have been made by the Criminal Court as to whether it would have been legitimate and proportionate to apply such a measure, given the circumstances of the case (see also the considerations made at paragraph 111 above). Thus,* ***at no stage before the Criminal Court had there been any judicial assessment of the credibility of the 'charges'*** *(contrast, Piras, cited above, § 60).*

*118.* ***The Court further notes that the entirety of the applicant's assets held in Malta were frozen, and continued to be so, for nearly eight years. The only variations made by the domestic court (under Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance) during that period, were of little significance since they did not lift the freezing order over any of the property. Save for the authorisation to make certain payments, they solely allowed for limited use and transfers of some of the property which was and remained affected by the freezing order. The relevant proceeds obtained from such transactions were also to be affected by the order*** *(see paragraph 43 above) (see, a contrario, Karahasanoğlu, cited above, § 153).* ***The remaining requests, as accepted by the Government, were rejected. Thus, the order remained far-reaching, despite the absence of any assessment as to any correlation to the 'charges' pending against the applicant*** *(see paragraph 114 above),* ***even assuming they were genuine and based on a persistent reasonable suspicion.***

*119. Furthermore, it would appear that, until 2021, the measure was extended automatically, without the applicant being heard. The Court observes that the parties are in disagreement about this factual point (see paragraphs 99 and 90 above). The Government claimed that an oral hearing took place at every renewal and that in general by default the Criminal Court would lift the measure after six months, unless it*

*considered otherwise. The applicant categorically denied that oral hearings took place, noting that she only received notification of the decisions stating that "the Attorney General's request was granted", and that the Criminal Court invariably accepted such extension requests.*

*120. The Court notes that the law (Article 24C (4) of the Dangerous Drugs Ordinance which applied equally to freezing orders issued under Article 435C of the Criminal Code) provided that the freezing order shall remain in force for a period of six months and "shall" be renewed if the court is satisfied that the conditions which led to the making of the order still existed. Nevertheless, save for the obligation on the Attorney General to verify that the offences at issue were also punishable in Malta (Article 10 of the Money Laundering Act) the law did not specify any particular conditions which had to be met for the order to be issued in the first place by the Criminal Court (see conversely, for example, the requirement applicable to the action of the Court of Magistrates under Article 649 of the Criminal Code to ensure that the request was not contrary to the public policy or the internal public law of Malta). However, even assuming that domestic practice made it clear that such conditions referred to the legal premises of a request – in the case of freezing orders in such context, namely, the status (suspect/charged or accused) of the person; the existence of the reasonable suspicion against the person; the correlation between the property subject to the freezing order and the charges, if any, against the individual; and the proportionality of the measure in the specific circumstances of a case – the Court has already held above that* ***none of those considerations were made in the ordinary proceedings relating to the freezing order****. This was the case until the final intervention by the Criminal Court in 2021, after the applicant's complaints had been communicated to the respondent Government and brought to that court's attention by the applicant (see paragraph 68 above).*

*121. Further, despite the Government's allegation, the Court observes that the law did not specify that before a decision to renew an oral hearing would take place, nor that the applicant would be allowed to make submissions at least in writing. In such circumstances, and given that the Government failed to substantiate this allegation by providing the minutes of such hearings or making any reference to the actual considerations made by the Criminal Court during such renewals, the Court finds it difficult to give credence to the Government's allegation, that any oral hearings took place before the applicant's request in December 2020, and the subsequent developments.*

*122. While it is unclear to the Court whether, prior to December 2020 and the communication of part of the application to the respondent Government, the applicant had ever attempted to request the revocation of the order by lodging an application under Article 24C (5) (c) of the Dangerous Drugs Ordinance, the Court notes that the Government have not claimed that she did and thus that she had made out her case, nor that she had not done so, despite an opportunity to do so. Further, the*

> *Court observes that the constitutional jurisdictions did not reject her complaint under Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention for failure to exhaust ordinary remedies, that is for failing to challenge the impugned measure by these means. It follows that* ***the Court has no reason to consider that her possibility to challenge the order under the just mentioned Article 24C (5) (c) of the Dangerous Drugs Ordinance would have constituted an effective safeguard*** *(compare the decision of the Court of Magistrates to a similar challenge, at paragraph 39 above), had the applicant's complaints to the Court not been communicated to the respondent Government.*
>
> *123. In the light of the above the Court considers that, in the procedure before the Criminal Court by which the freezing order was issued and repeatedly extended in the applicant's case, until July 2021, she was deprived of relevant procedural safeguards against an arbitrary or disproportionate interference. The constitutional jurisdictions failed to rectify those omissions as they merely paid lip service to the relevant criteria in their assessment of the impugned measure (see paragraphs 58 and 66 above) which the applicant had claimed was in breach of her rights under Article 1 of Protocol No. 1. As a result, her property rights were rendered nugatory.*
>
> *124. The foregoing considerations are sufficient to enable the Court to conclude that in the circumstances of the applicant's case there has been a violation of Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention."*

24. Fil-każ tal-lum, l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ngħatat fis-<u>6 ta' Settembru 2005</u>, l-istess ġurnata li huwa tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja akkużat b'assoċjazzjoni, importazzjoni, traffikar u pussess ta' droga eroina.

25. Minn dik il-ġurnata sal-lum, ma jirriżultax li sar xi eżerċizzju biex jevalwa l-ħtieġa li tibqa' fis-seħħ l-ordni ta' ffriżar fuq l-assi kollha tal-akkużat fil-kuntest taċ-ċirkostanzi tal-każ. L-uniku bidliet / talbiet għal tibdil / fatturi li sal-lum effetwaw l-ordni ta' ffriżar fuq l-assi tal-akkużat kienu s-segwenti:

| | L-ASSI F'IDEJN LEBRUN[26], LI ALLURA ĠEW MILQUTA BL-ORDNI IN KWISTJONI | BDIL / TALBIET GĦAL BDIL / FATTURI OĦRA |
|---|---|---|
| | | |
| 1. | Polza ta' asskikurazzjoni ma' GasanMamo Insurance Ltd fuq il-vettura EBH286 | Din skadiet fil-31 ta' Mejju 2006 |
| | | |
| 2. | Lm85 f'kont kurrenti mal-HSBC | |
| | | |
| 3. | Żewġ baby bond policies mal-Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited | Li, bis-saħħa ta' digriet mogħti fit-12 ta' Awwissu 2008 ġew imsarrfa suġġett għall-kondizzjoni illi r-rikavat jiġi depożitat f'kont bankarju appożitu li jkun ukoll milqut bl-ordni ta' ffriżar. Talba sussegwenti, li saret fl-24 ta' Ottubru 2008, sabiex dawk il-flejjes jiġu msarrfa ġiet miċħuda. |
| | | |
| 4. | 4 vetturi | Fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2006 il-Qorti awtorizzat ir-rilaxx u t-trasferiment ta' vettura minnhom (numru ta' reġistrazzjoni HAU-147) lil terz (Emanuel Tanti) |
| | | |
| 5. | 2 dgħajjes | |
| | | |
| 6. | fond terran il-Fgura | Skont l-atti notrarili ppreżentati mill-espert tekniku dan it-terran, li kien b'enfitewsi temporanja li tiskadi fit-13 ta' Jannar 2003, ġie ċedut favur Lebrun fl-4 ta' Ottubru 1985 |
| | | |
| 7. | flimkien ma' martu u ċertu Angelo Vella, fond terran ieħor il-Fgura | Akkwist li sar fil-11 ta' Ġunju 2001 |
| | | |
| 8. | flimkien ma' martu:<br>i. fond f'Bormla[27];<br>ii. appartament l-Isla[28]; u<br>iii. groundfloor maisonette Marsascala[29] | B'rikors ippreżentat fis-27 ta' Settembru 2005 l-imputat u martu talbu lill-Qorti tawtorizza l-bejgħ ta' fond proprjetà tagħhom f'Bormla, liema fond kien diġà qiegħed fuq konvenju iżda l-prosekuzzjoni opponiet. Ma jirriżultax li l-Qorti laqgħet it-talba |

[26] Skont ir-rapport tal-espert tal-Qorti Dr Veronica Aquilina
[27] Akkwist tat-8 ta' Awwissu 2003
[28] Akkwist li sar fis-26 ta' Ottubru 2004, soġġett għad-ditt ta' użufrutt *vita naturale durante* tal-vendituri
[29] Akkwist li sar fis-7 ta' Jannar 2005

26. Sostanzjalment għalhekk, tul perjodu ta’ aktar minn tmintax-il sena kemm ilhom pendenti dawn il-proċeduri, l-ordni ta’ ffriżar u l-effetti tagħha baqgħu tista’ tgħid nvarjati.

27. Verament illi skont l-artikolu 22A tal-Kap. 101 l-akkużat seta’ talab lill-Qorti tawtorizza ċertu derogi oħra / tibdil ieħor fl-ordni ta’ ffriżar[30]. Mandankollu:

(i) Il-fakoltà li jagħti l-artikolu 22A hija limitata, fiċ-ċirkostanzi partikolari hemm imsemmija[31], għal tibdil fl-ordni u mhux għall-kontestazzjoni / revoka totali tiegħu;

(ii) Il-liġi ma tipprovdix għal dritt ta’ appell; u

(iii) Lanqas ma jipprovdi għal mekkaniżmu biex wara ċertu trapass ta’ żmien l-Avukat Ġenerali jiġġustifika l-ħtieġa sabiex ordni bħal dik, li fin-natura tagħha hija ntiża bħala miżura temporanja, tibqa’ fis-seħħ fuq il-ġid kollu.

[30] Ara l-ewwel proviso tal-art. 22A. (1); it-tieni proviso tal-art. 22A. (1); u l-art. 22A(3)
[31] (i) fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, sabiex somma sa €13,976.24 fis-sena titħallas lill-akkużat għall-għejxien tiegħu u familtu; (ii) għall-ħlas ta’ djun li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni lil kredituri *in bona fide*; (iii) f’ każ ta’ raġuni tajba, trasferiment ta’ proprjetà mobbli u immobbli; u (iv) f’ċirkostanzi partikolari (art. 22A.(3)).

28. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Sebastian Dalli v. L-Avukat tal-Istat et</u>**, deċiża fit-30 ta' Novembru, 2022, din il-Qorti diġà esprimiet il-fehma illi l-artikolu 22A tal-Kap. 101 saħansitra jmur kontra d-dritt komunitarju:

> *"L-appellant lanqas ma jistgħu jinħbew f'dan ir-rigward wara d-Direttiva 2014/42/UE għaliex a kuntrarju ta' dak argumentat minnhom il-liġi Maltija mhijiex fil-fatt konformi ma' dak dispost f'din id-Direttiva. Din id-Direttiva tistabbilixxi espressament li persuna suġġetta għal ordni ta' iffriżar għandha jkollha dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħha, u li l-persuna affetwata għandu jkollha possibilità effettiva li tikkontesta dik l-ordni.[32]"*

29. F'dik is-sentenza ntqal ukoll:

> *"minħabba l-mod ta' kif ġiet promulgata l-liġi, hekk kif inħareġ dan l-Ordni l-appellat ma kellu l-ebda mod kif jikkontestah għaliex l-Istat naqas milli jpoġġi fis-seħħ mezz ta' appell biex il-persuna konċernata tkun tista' titlob li l-Qorti tirrevedi n-neċċessitá li l-ordni jibqa fis-seħħ u anzi minflok illeġiżla li l-Ordni jrid jibqa' fis-seħħ tassattivament sakemm jispiċċaw il-proċeduri fi grad ta' appell jekk ikun il-każ, irrispettivament minn kull fattur li jista' jimmilita kontra ż-żamma fis-seħħ ta' dan l-Ordni. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Džinić v. Croatia*** *(QEDB, 17/05/2016) fejn instabet leżjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea proprju għaliex:*
>
> > *"…the impugned seizure of the applicant's real property in the context of the criminal proceedings at issue, although in principle legitimate and justified,* ***was imposed and kept in force without an assessment of whether the value of the seized property corresponded to the possible confiscation claim****. The Court therefore finds that the application of such a measure was not adequate to demonstrate that a requirement of "fair balance" inherent in the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 was satisfied."*
>
> *29. Għalkemm huwa minnu li din il-kawża mhijiex dwar id-dewmien ta' żmien, iż-żmien li damu għaddejjin il-proċeduri, u r-raġuni għalfejn damu tant għaddejjin hija xorta waħda fattur relevanti sabiex tiġi kkonsidrata l-proporzjonalità tal-ordni tal-iffriżar li min-natura tiegħu huwa intiż sabiex ikun miżura temporanja. Meta jkunu għaddew però tlettax-il sena minn meta nħareġ u l-kawża mhux biss tkun għadha għaddejja iżda tkun għadha fi stadju tal-provi tal-prosekuzzjoni bl-ebda ħjiel dwar meta ser tispiċċa wieħed jibda jiddubita kemm din il-miżura tista' tibqa' titqies bħala waħda sempliċiment temporanja. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-*

[32] Ara Art. 8(1) u (4) tad-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea.

*ismijiet **Yassin Abdullah Kadi v. European Commission** tal-2010 fejn ġie kkonsidrat hekk:*

> *"…given that now nearly 10 years have passed since the applicant's funds were originally frozen—it is not now time to call into question the finding ... according to which the freezing of funds is a temporary precautionary measure that, unlike confiscation, does not affect the very substance of the right of the persons concerned to property in their financial assets but only the use thereof. ... In the scale of a human life, 10 years in fact represent a substantial period of time and the question of the classification of the measures in question as preventative or punitive, protective or confiscatory, civil or criminal seems now to be an open one."*

*30. Agħar minn hekk, kif huwa ammess mill-appellanti stess, l-appellat ma kellu l-ebda mezz sabiex jikkontesta dan l-Ordni, u ġie mpoġġi f'pożizzjoni mill-Istat li jibqa' jissubixxi l-Ordni tal-Iffriżar maħruġ kontra tiegħu fl-2009 sakemm il-kawża tiġi deċiża b'mod finali, ikun meta jkun dan u rrispettivament minn kwalunkwe ċirkostanza li setgħet żviluppat fil-frattemp. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Shorazova v. Malta (QEDB, 03/03/2022) ...*

*31. ... Minn din is-sentenza huwa ċar li għalkemm ordni ta' iffriżar huwa miżura leġittima u fl-interess ġenerali (kif huwa aċċettat anke mill-appellat stess) il-Qorti għandha teżamina kemm il-garanziji proċedurali li jeżistu fil-liġi u kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha, inkluż id-dewmien taż-żmien tal-kawża sabiex tiddetermina jekk id-drittijiet fondamentali tal-akkużat sanċiti permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea humiex qed jiġu rispettati. Huwa ċar li dan mhuwiex il-każ hawnhekk għar-raġunijiet ġia spjegati, inkluż id-dewmien ta' żmien tal-proċeduri penali kontra l-appellant u n-nuqqas tal-leġislatur li jpoġġi fis-seħħ għodda legali li tagħti lil qrati ordinarji l-poter li jeżaminaw jekk l-ordni għadux ġustifikat skont iċ-ċirkostanzi tal-każ."*

30. F'dan il-każ, diġà hemm ġudikat ta' din il-Qorti tas-26 ta' Mejju 2014[33] li sabet ksur tal-jedd ta' Lebrun għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli dovut għall-fatt li sad-data ta' dik is-sentenza l-Avukat Ġenerali kien għadu ma ppreżentax l-att ta' akkuża li nħareġ biss fis-26 ta' Ġunju 2014. Madanakollu, il-kawża kriminali għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali b'referenza għas-sentenza li tat il-Qorti Kriminali dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-akkużat. Kif rajna, b'ordni tat-13 ta' Frar

[33] Rik. Kost. 41/2013 AE, ara fol. 104 et seq.

2019 il-Qorti tal-Appell Kriminali ddiferiet l-appell *sine die* sakemm tinqata' l-kawża kostituzzjonali li saret referenza għaliha. Kawża li nfetħet minn Ġunju 2018 u għadha *sub judice*. Hu minnu li l-kawża nfetħet mir-rikorrent u ma spjegax għalfejn ħalla dawk is-snin kollha jgħaddu qabel fetaħ il-kawża. Madankollu, jibqa' l-fatt li mhux normali li proċeduri kriminali li bdew fis-sena 2005 għadhom pendenti sal-lum. Imbagħad il-liġi ordinarja ma toffrix rimedju fis-sens li kull tant żmien il-qorti kompetenti għandha tistħarreġ għadx hemm lok li tibqa' fis-seħħ l-ordni jew li l-akkużat minn jeddu jitlob għar-revoka tal-ordni tal-iffriżar. Il-liġi hi ċara fis-sens li ordni ta' ffriżar għandha tibqa' fis-seħħ sad-deċiżjoni finali, u f'każ ta' persuna li nstabet ħatja sakemm is-sentenza tiġi eżegwita.

31. Wieħed irid jifhem u japprezza li l-akkużat hu preżunt innoċenti. Ordni ta' ffriżar kif tidħol fis-seħħ twassal għall-konsegwenzi mhux żgħar fuq il-ħajja tal-akkużat u l-familja tiegħu. Wara kollox b'ordni bħal dik jiġi sekwestrat f'idejn terzi l-ġid tal-akkużat, u l-akkużat ma jistax jittrasferixxi jew mod ieħor jiddisponi minn ġidu. Il-fatt li l-liġi tipprovdi li l-qorti tista' *"f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni"*, m'huwiex suffiċjenti meta tqis is-snin twal li għaddew minn meta nħareġ l-ordni ta' ffriżar.

32. Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ hemm ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għat-tgawdija ta'

ħwejġu kif protett b'Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, in kwantu qiegħed jolqot il-ġid kollu li jista' għandu l-attur.

33. Għalhekk tiċħad l-aggravju li bih l-intimati jikkontestaw li m'hemmx ksur.

34. It-tielet aggravju huwa illi l-Ewwel Qorti żbaljat meta annullat u rrevokat l-Ordni ta' ffriżar mertu tal-proċeduri fl-ismijiet ***'Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Lebrun'*** (Att t' Akkuża numru 9/2014). Jargumentaw il-fatt li l-Ewwel Qorti sabet ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrent protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ma kellux iwassal għal hekk. Jikkontendu li *se mai* rmedju aktar ekwu u ġust kien ikun li l-appellat jingħata l-possibilità li jressaq it-talba tiegħu għal revoka tal-ordni quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali li għandha quddiemha l-proċeduri kriminali in kwistjoni fejn l-appellant Avukat Ġenerali tkun tista' tressaq il-provi tagħha.

35. L-Ewwel Qorti ma għamlet l-ebda konsiderazzjonijiet partikolari f'dan ir-rigward.

36. Fis-sentenza ta' Sebastian Dalli kkwotata aktar 'il fuq din il-Qorti qalet hekk:

> *"36. Il-Qorti tibda billi tirrileva li huwa żbaljat l-argument tal-appellanti li din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza li tħassar l-Ordni ta' Iffriżar*

*maħruġ kontra l-appellat. Il-liġi tagħti lil din il-Qorti s-setgħa li tagħti dawk ir-rimedji li tqis li jkunu xierqa fiċ-ċirkostanzi, u għalhekk m'hemm xejn fil-liġi li kien jimpedixxi lill-Ewwel Qorti milli tordna t-tħassir tal-Ordni ta' Iffriżar f'din il-kawża. L-argument tal-appellanti mbagħad li t-tħassir tal-Ordni semmai għandu jsir mill-Qrati ordinarji huwa manifestament fallaċi. Għalkemm huwa minnu li idealment ikunu l-qrati ordinarji li jiddeċiedu dwar jekk l-Ordni ta' Iffriżar għandux jibqa' fis-seħħ, irriżulta bħala stat ta' fatt, u anke ġie ammess mill-appellanti, li l-Qrati ordinarji fil-fatt ma jistgħux jagħmlu dan l-eżerċizzju għaliex l-Istat naqas milli jilleġisla f'dan is-sens b'detriment għall-appellat. Għall-istess raġuni huwa wkoll infondat l-argument tagħhom li l-appellat qiegħed jabbuża mill-proċeduri kostituzzjonali. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għall-konsiderazzjoni magħmula minnha fil-paragrafu 25 dwar id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali mogħtija fir-rigward tal-attur stess, minn fejn jirriżulta ċar li l-Qorti Kriminali sabet li l-liġi ma tagħtix lil Qorti l-poter li tirrevoka ordni ta' friżar waqt li l-proċeduri jkunu għadhom pendenti.*

*37. Il-Qorti tkompli billi tosserva li għajr għal argumenti ġenerali dwar l-għan leġittimu tal-miżura, l-appellanti ma ressqu l-ebda argument li jikkontradiċi l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar in-nuqqas ta' proporzjonalita tal-Ordni ta' Iffriżar fil-kuntest ta' din il-kawża. Fil-fatt, minkejja li l-proċeduri kriminali kontra tiegħu ilhom pendenti tlettax-il sena għal provi tal-prosekuzzjoni, l-appellanti xorta waħda ma sabu l-ebda mod kif jiġġustifikaw il-kontinwata impożizzjoni tal-ordni ta' iffriżar in kwistjoni b'referenza għall-fattispeċi ta' dan il-każ partikolari, iżda llimitaw ruħhom biss li jagħmlu argumenti ġeneriċi, astratti u teoretiċi dwar in-neċessità u l-għanijiet leġittimi ta' ordnijiet ta' iffriżar b'mod ġenerali, u dan ukoll minkejja li mhux qed jiġi kkontestat li l-ordnijiet ta' iffriżar huma, b'mod ġenerali, miżuri neċessarji fil-ġlieda kontra l-kriminalità u li għalhekk għandhom għan leġittimu. B'mod partikolari l-appellanti naqsu milli jispjegaw lil din il-Qorti kif illum-il ġurnata għadu fl-interess pubbliku li l-Ordni ta' Iffriżar in kwistjoni jibqa' fis-seħħ fuq it-totalità sħiħa tal-assi tal-appellat (anke saħansitra fuq id-danni akkordati mill-Ewwel Qorti jekk l-appellanti jingħataw raġun) sakemm xi darba jiġu konklużi l-proċeduri kontra tiegħu, u dan minkejja li almenu prima facie hemm dubju serju dwar xi qligħ seta' laħaq għamel l-appellat ikkonsidrat li d-'droga' ġiet interċettata mill-Pulizija, u saħansitra li dik id-'droga' ma hija droga xejn.*

*38. Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar jekk għandhiex iżżomm fis-seħħ dan l-ordni magħmul mill-Ewwel Qorti jew le. Idealment ikunu l-Qrati ordinarji li jkunu qed jisimgħu u jgħixu l-kawża li jiddeċiedu dwar jekk Ordni ta' Iffriżar għandux jibqa' fis-seħħ jew le. Kif diġà ngħad però ma jistax isir proprju minħabba nuqqas tal-Istat. Wara li kkonsidrat dan, u ikkonsidrat ukoll il-mod pjetuż kif l-Avukat Ġenerali qed imexxi l-proċeduri kriminali kontra l-appellat, li l-proċeduri kriminali issa ilhom għaddejjin tlettax-il sena, u li wara tlettax-il sena l-appellanti ma rnexxilhomx jagħtu mqar raġuni waħda li hija konnessa mal-fatti tal-każ għalfejn l-Ordni ta' Iffriżar għandu jibqa' fis-seħħ, il-Qorti tqis li m'hemmx raġuni valida sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward."*

37. A differenza tal-każ ta' Dalli, f'dan il-każ ġie stabbilit illi d-droga li dwarha ġie akkużat Lebrun tikkonsisti f'7,023.3 gramma eroina b'medja ta' purità ta' 47.2%. Effettivament id-droga nstabet u għalhekk qatt ma nbiegħet fis-suq.

38. Hu fatt li fil-kawża kriminali ma baqax jiġi reġistrat progress wara li l-attur fetaħ kawża kostituzzjonali oħra u l-Qorti tal-Appell Kriminali ddiferiet l-appell *sine die*.

39. Jibqa' l-fatt li l-attur ilu snin twal b'ordni ta' iffriżar ġenerali fuq ġidu kollu, mingħajr ma kellu l-opportunità li jitlob lill-Qorti li ordnat il-ħruġ jew lill-Qorti Kriminali sabiex tħassar l-ordni.

40. Min-naħa l-oħra l-akkużi li hemm kontra r-rikorrent huma serji ħafna u l-proċeduri għadhom pendenti. Skont l-att ta' akkuża numru 9/2014 preżentat fis-26 ta' Ġunju 2014, ir-rikorrent akkużat talli:

> *"i. Ghaldaqstant l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jakkuza lill-imsemmi Joseph Lebrun, recidiv f'delitt, hati talli fis-Sitta (6) ta' Gunju tas-sena Elfejn u Hamsa (2005) u fil-gimghat precedenti, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jitraffika medicina f'Malta (herojina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.*

Il-piena li ntalbet hi ta' priġunerija għal għomru u multa kif ukoll il-konfiska tal-ġid kollu tal-akkużat jekk jinstab ħati. Talba li saret ukoll fir-rigward tal-akkużi l-oħra.

*ii. Ghaldaqstant l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta Malta jakkuża lill-imsemmi Joseph Lebrun, recidivi f'delitt, ħati talli fis-Sitta (6) ta' Ġunju tas-sena Elfejn u Hamsa (2005) u fil-gimghat precedenti, importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (Herojina) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonjiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga that l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza limportazzjoni ta' dik il-medicina perikoluza.*

*iii. Ghaldaqstant l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jakkuza lill-imsemmi Joseph Lebrun, recidiv f'delitt, hati talli fis-Sitta (6) ta' Gunju tas-sena Elfejn u Hamsa (2005) u fil-gimghat precedenti , forna jew ipprokura, jew offra Ii jforni jew jipprokura d-droga Herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gzejjer jew x'imkien iehor, jew avza l-imsemmija droga għall-bejgh, minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Droga Perikoluzi jew minn xi awtorita apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizazzjoni għall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzjali jipprokura l-istess droga.*

*iv. Ghaldaqstant l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jakkuza lill-imsemmi Joseph Lebrun, recidiv f'delitt, hati talli fis-Sitta (6) ta' Gunju tas-sena Elfejn u Hamsa (2005) kellu fil-pussess tieghu d-droga Herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvem skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort ohra awtorizzat li jimmanifattura jew ifomi d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil- licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' 1-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga, u ma gietx fomita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx ghall-uzu esklussiv tieghu".*

41. Kif rajna l-ordni ta' ffriżar qiegħda hemm bħala miżura biex jiġi żgurat li jekk jinstab ħati tal-akkużi li hemm kontrih u jkun hemm ordni ta' konfiska, ma jkunx hemm il-periklu li l-flus jew il-proprjetá l-oħra tal-ħati, hi x'inhi, ikun iddispona minnha matul il-proċeduri.

42. Kif rajna, suppost l-ordni jibqa' fis-seħħ sakemm il-proċeduri jkunu ġew deċiżi b'mod finali, u f'każ ta' ħtija sakemm is-sentenza tiġi eżegwita. Ma jirriżultax li hemm xi eċċezzjoni (Art. 22A(2)(b) tal-Kap. 101). Fil-fatt f'Art. 22Ċ tal-istess liġi hemm il-proċedura li għandha tipproponi l-persuna misjuba ħatja tal-akkużi, sabiex tottjeni dikjarazzjoni li proprjetá li ġiet konfiskata ma kinitx qligħ mir-reat taħt dik l-Ordinanza.

43. Madankollu rrispettivament minn dak li tgħid il-liġi, f'kawża ta' din ix-xorta l-Qorti għandha diskrezzjoni dwar it-tip ta' rimedju li tista' tagħti għall-ksur tal-jedd fundamentali.

44. Wara li l-Qorti qieset l-akkużi li hemm kontra r-rikorrent u l-għan wara ordni ta' ffriżar, ser tordna li jibqa' fis-seħħ fir-rigward tal-flus u proprjetá oħra kollha tar-rikorrent, huma x'inhuma, sa sentejn wara l-ħruġ tal-ordni ta' ffriżar (6 ta' Settembru 2005). Ordni ta' ffriżar li tibqa' fis-seħħ ukoll fir-rigward tal-proprjetá kollha li tissemma fir-rapport tal-avukat Dr Veronica Aquilina, eskluża dik il-proprjetá li setgħet diġá ġiet rilaxxata mill-Qorti.

45. Għaldaqstant, b'effett mis-6 ta' Settembru 2007 l-ordni tal-iffriżar m'għandux jibqa' jkollu effett fuq dak il-ġid li akkwista r-rikorrent minn dakinhar 'il quddiem.

46. Ir-raba' aggravju huwa illi l-Ewwel Qorti żbaljat meta llikwidat l-allegati danni sofferti mir-rikorrent fis-somma ta' €15,000 u ordnatilhom iħallsuh dik is-somma.

47. F' dan ir-rigward, il-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti kienet is-segwenti:

> *"**Prova tad-danni:***
>
> *L-intimati jisħqu li r-rikorrent ma ġab l-ebda prova li sofra xi danni, kuntrarjament għal Bastjan Dalli f'kawża bħal dik preżenti. B'danakollu, il-ksur ta' jedd fundamentali minnu nnifsu jikkawża dannu li jinħtieġ li jiġi rimedjat minn din il-Qorti. Barra minn hekk huwa minn ewl id-dinja li ordni tal-iffriżar tipparalizza għal kollox kull kapaċita` li l-persuna effettwata tagħmel xogħol jew negozju bi qligħ.*
>
> ***Kwantifikazzjoni tad-danni:***
>
> *Ir-rikorrent ma ta l-ebda ħjiel tal-ammont tad-danni li qiegħed jippretendi. Tabilħaqq id-danni m'humiex ta' natura akwiljana u għalhekk m'humiex intiżi sabiex ikun hemm restitutio in integrum. Huma wkoll fakultattivi u fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Ikkunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti qiegħdha tillikwida l-ammont fis-somma ta' €15,000."*

48. L-appellanti jilmentaw li r-rikorrent ma ġab ebda prova li ġie preġudikat u li dikjarazzjoni ta' ksur kienet tkun sufficjenti. Dan ukoll għaliex, għad-dewmien, diġá kien ikkumpensat b'sentenza oħra.

49. Il-Qorti ma taqbilx meta tikkunsidra kemm-il sena ilu fis-seħħ l-ordni ta' ffriżar, mingħajr ma r-rikorrent kellu rimedju ordinarju sabiex jitlob li jitħassar.

50. Madankollu peress li l-Qorti ser tvarja d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-ordni ta' ffriżar, ser tnaqqas il-kumpens iffissat mill-Ewwel Qorti għas-somma ta' tlitt elef ewro (€3,000).

**<u>Deċiżjoni</u>.**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza appellata f'dan is-sens:

1. Tvarja dik il-parti tas-sentenza li ordnat ir-revoka tal-ordni ta' ffriżar li kien inħareġ kontra r-rikorrent fir-rigward tar-reati kriminali li bihom akkużat lir-rikorrent u li huma l-meritu tal-att ta' akkuża numru 9/2014. Minflok tordna li l-ordni tal-iffriżar għandu jibqa' fis-seħħ fir-rigward tal-proprjetá kollha tar-rikorrent sas-7 ta' Settembru 2007, filwaqt li l-ordni tal-iffriżar m'għandux ikollu effett fuq il-proprjetá li r-rikorrent akkwista mis-7 ta' Settembru 2007 'il quddiem.

2. Tvarja l-kumpens non-pekunjarju likwidat mill-Ewwel Qorti għas-somma ta' tlitt elef ewro (€3,000) minflok ħmistax-il elf ewro (€15,000) li ffissat l-Ewwel Qorti.

Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza appellata.

Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) a karigu tal-appellanti u ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) a karigu tal-appellat.

Tordna li kopja awtentikata ta' din is-sentenza titpoġġa fil-proċess tal-att ta' akkuża numru 9/2014 fl-ismijiet **Ir-Reppublika ta' Malta vs Joseph Lebrun**.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss